II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 2008

li taġġusta l-konċessjonijiet previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE u d-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

(2008/451/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2003/479/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(7) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2007/829/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(7) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(6) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE jipprevedu li l-konċessjonijiet ta' kuljum u ta' kull xahar għandhom jiġu aġġustati kull sena bla effett retroattiv, skond l-adattament tas-salarji bażiċi ta' l-uffiċjali tal-Komunità fi Brussell u fil-Lussemburgu.

(2) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 420/2008 ta' l-14 ta' Mejju 2008 li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2007 r-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej [3] kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għal dawn, adotta aġġustament ta' 1,4 % għall-pagi u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tal-Komunità.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE, l-ammonti EUR 29,44 u EUR 117,74 għandhom jinbidlu b'EUR 29,85 u EUR 119,39 rispettivament.

2. Fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE t-tabella għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Distanza bejn il-post ta' reklutaġġ u l-post ta' l-issekondar (f'km)	Ammont f'EUR
0-150	0,00
> 150	76,74
> 300	136,42
> 500	221,71
> 800	358,14
> 1 300	562,80
> 2 000	673,67"

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u staff militari dwar sekondament lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72). Id-Deċiżjoni kif mħassra bid-Deċiżjoni 2007/829/KE.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/829/KE tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari nazzjonali sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (ĠU L 327, 13.12.2007, p. 10).

[3] ĠU L 127, 15.5.2008, p. 1.

3. Fl-Artikolu 15(4) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE l-ammont EUR 29,44 għandu jinbidel b'EUR 29,85.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara dak ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
D. RUPEL